# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaūdex jisūielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisūielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeūūak b'cull xorta ta daūl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Apostolat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dūardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŪŪEL SENA. IL ĦAMIS, 29 TA FRAR, 1912. NRU. 5.

*Inbierecu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaūħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parrocci taħħom, ghax nistenneū minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*
† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Akraû

Actarx li xi uħud mill'imsieħbin u mil karrejja taghna din il ħames ħarġa ma isibuhiex imżeûûka bħall'erbgha ta kabilha: imma ghalina niżnuha l'actar ûaħda tal fejda u tal bżonn fosthom collha. Ghedna il gimgha l'oħra li ir-REGULAMENTI TAX-XIRCA CATTOLICA *huma il pedament tax-xoghol collu taghna ghalicom*: u dan hu biż-żejjed biex ma nistmerrux li nimleû biċċa cbira minn din il ħarġa tal *Habib* bihom. Akraû, mela, tajjeb daûn ir-Regulamenti u arġghu akraûhom, biex tibdeû tifhmu fejn aħna sejjrin bi ħsiebna. Aħna irridu inkanklu tas-seû il gid tan-nies tas-snajja, tal ħaddiema u tal fokra. U mhux bil cliem u bit-tixûix: imma bil ghakal u bil ghajnuna tan-nies it-tajjba, li, f' ħajjet Alla l' imbierec!, f'din il Gżira ta San Paûl,huma bosta.

Dan hu l'eûûel pass li sejjrin natu: imma ghal urajħ ghandna oħrajn mhejjija. Akraû:—

### S. GIUSEPP

*jeū*

XIRCA CATTOLICA
BEJN IL ĦADDIEMA U TAS-SNAJJA
Ghall ghajnuna ta bejniethom,
imūakkfa mil Cumitat tal Appostolat tat-Talb.

I.

*X'in hi din ix-Xirca u ghal fejn hi.*

*Art. 1.* Din ix-Xirca l'actar giet imūakkfa sabiex iżżom dejjem sħiħa u kaūūija il Fidi Cattolica u il ħajja tajjba, bejn il ħaddiema u in-nies tas-snajja; sabiex tisūa lill mictubin fiha u lil l'uliedhom fit-taghlim, tghin is-soci fil mard u fid-disgrazzi li jistghu jinkalghu fix-xoghol u imħabba il kaghad, meta daūn icollhom imantnu familja cbira.

*Art. 2.* F'din ix-Xirca jinsabu żeūġ xorta ta soci; daūc, li barra milli iħallsu u jaghmlu dac collu li jinsab f'dan l'Istatut, ghandhom sehem mil vantaġgi collha li tati ix-Xirca (*soci effettivi partecipanti*); u daūc, li bil ghamil, taħħom u bil ħlas jisūeū biex dejjem ixerrdu u icabbru ix-Xirca. Daūn ma ghandhomx sehem mil vantaġgi li hi tati, (*soci effettivi contribuenti.*)

*Art. 3.* Daūn is-soci contribuenti, jecc katt jiftakru, jistghu ighaddu mas-soci partecipanti, billi jaghmlu dac collu li ighid dan l'Istatut.

*Art. 4.* Cull min jinchiteb f'din ix-Xirca ma jistax jerħiha kabel sena. Is-sena tibda mil l'eūūel ta Jannar sal aħħar ta Dicembru. Ghalhecc min jinchiteb ma tul is sena ghandu iħallas ucoll ix-xhur li icunu ghaddeū mill'eūūel ta Jannar.

*Art. 5.* Cull imsieħeb dac in-nhar li jidħol fix-Xirca iħallas xelin; u cull gimgha imbaghad tliet soldi, biex icun jista icollu il ghainuniet chemm fil mard chif ucoll fid-disgrazzi ta fuk ix-xoghol u fil kaghad.

*Art. 6.* Ix-Xirca hi il Belt.

*Art. 7.* Fid-Dar tax-Xirca icun hemm ucoll cmamar ghall kari u biex ūieħed ighaddi iż-żmien ghall 'msieħbin, teatrini, conferenzi, religjusi u socjali, cinematogrfi xierka u jecc jista icun schejjel ta bil lejl ma tul il gimgha u schejjel tal Ħadd ucoll.

II.

*Tregija tax-Xirca.*

*Art. 8.* Ix-Xirca collha chemm hi tinsab f'idejn il Cumitat tal Appostolat tat-Talb u dan iregiha. Dan ghandu ifittex li collox isir chif ighid l'Istatut u fejn ma jistax jiftihem, ghandu is-setgha li ifissru u jiċċarah. L'imsieħbin collha, ghandhom jokoghdu ghal dac li ighid il Cumitat.

*Art. 9.* Is-seduti tal Cumitat li ma icunx fihom ghall'inkas ħamsa min-nies ma jisūeū xejn.

*Art. 10.* Il Cumitat ghandu is setgha jati ordnijet fuk ħūejjeġ li minnhom ma jitħadditx l'Istatut. Daūn l'ordnijet ghandhom jiġu obduti xejn inkas minn dan l'Istatut.

*Art. 11.* Meta tkum xi tmerija jeū ġlieda bejn l'imsieħbin fix-Xirca, il Cumitat ghandu jaktaħħa. U jecc xi ħadd jonkos minn ūieħed mill'articli ta dan l'Istatut, jeū mill'ordnijet li icunu ħarġu mil Cumitat, imsemmijin kabel, il Cumitat jati dic il piena li jidhirlu.

*Art. 12.* Ħadd ma jista iħassar jeū iseūūi id-decisionijet tal Cumitat. U jecc xi ħadd mill'imsieħbin fix-Xirca ma jokghod xghalihom, ma icollux x'jaksam iżjed max-Xirca u hecc jitlef id-drittijet collha tieghu.

III.

*Fuk il President.*

*Art. 13.* Dan ghandu jaghmel chemm jista biex igib il kuddiem ix-Xirca u li din turi fil ħaddiema, fin-nies tas-snajja u fl'imsieħbin collha, il gid li hi tista taghmel. Ghandu ifittex ucoll li cullħadd josserva cull ma jinsab f 'dan l'Istatut.

*Art. 14.* Il lakghat generali chif ucoll tal Cumitat ghandhom isiru bl'ordni tal President jeū, meta jonkos hu, bl' ordni tal Vici-President. Meta il voti icunu daks inseū, jaktaħħa il President.

*Art. 15.* Meta hi ħaġa tal ghaġla, il President, jeū min jaghmel f 'locu, minghajr ma javża il Cumitat, jista jati daūc l'ordnijet li jidhirlu ghandhom jisūeū ghall gid u 'l gieħ taċ-Circlu. Cullħadd ghandu jobdi fil ħin daūn l'ordnijet, inclelè jitcheċċa. Il President ghandu ucoll is-setgha li jissospendi ghal tliet ti jem miċ-Circlu cull imsieħeb tax-Xirca, sa chemm jinġabar il Cumitat. Dac li icun suspis, jecc jidhirlu li ma ħakkux, dac il ħin ghandu jobdi u imbaghad jista jappella ghand il Cumitat, żmien tliet ti jem.

IV.

*Fuk is-Segretarju*

*Art. 16.* Is-Segretariu jieħu l'ordnijit biss minn ghand il President, jeū minn ghand min jaghmel f'locu. Hu ghandu iniżżel u iżomm fi ctieb ghaliħ cull ma isir fis-seduti tal Cumitat, chif ucoll generali.

*Art. 17.* Hu ghandu iżomm ir-Registru tal imsieħbin u l'Archivju tax-Xirca, joħroġ l'avvisi ghas-seduti u jaghmel cull ma ighidlu il President.

*Art. 18.* Ghandu jaghmel rapport fejn juri x'ghamlet ix-Xirca u chemm sussidji ħarget lill'imsieħbin ma tul is-sena. Dan ir-rapport ghandu jinkara, biex jigi irregistrat, f'seduta generali. Ghandu ucoll iżomm copia tal ittri collha, u l'ittri li jinbaghtu mix-Xirca ghandhom icunu iffirmati minnu. L'ittri ghax-Xirca ghandhom jinbaghtu lilu.

V.

*Fuk it-Tesorier.*

*Art. 19.* Il caxxa tax-Xirca hi f 'dejn it-Tesorier, li cull xahar ghandu juri lill Cumitat f'hiex tinsab. Hu ghandu jaghmel il Culletturi biex jiġbru u is-sorveljaturi; u daūna collha jibdeū jaħdmu malli jiġu icconfermati mil Cumitat. Il Culletturi u is Sorveljaturi flimchien mat-Tesorier cap taħħom ghandhom f'idejhom l'amministrazioni tax-Xirca, u ghalhecc insejjħulhom Cumissioni Amministrativa, li tista taghmel regulamenti biex jinġabar il ħlas ta cull gimgha tal imsieħbin, u biex iċ-Circlu icollu id-drittijet tieghu fuk il loghob li jista isir scond l'Istatut.

*Art. 20.* Din il Cumissioni Amministrativa ghandha tħallas u toħroġ il ghajnuniet iffirmati mis-Segretarju jeū minn ta f 'locu, u tħallas ucoll l'ordnijet colla li icunu iffirmati mil President u mis-Segretarju.

*Art. 21.* Fl'aħħar ta cull xahar, it-Tesorier ghandu ikieghed fil Banco di Risparmio (*Caxxa ghat-tifdil*) tal Cumitat tal Appostolat tat-Talb il fdal li icollu f 'dejħ, jecc icollu. Hu jista jisbanca mil Caxxa li semmejna

chemm icollu bżonn biex jista imexxi. Dan li sbancar ma jistax isir minghajr l'ordni tal President bil mictub. Fl'aħħar ta cull xahar, imbaghad, ghandu jati lis-Segretarju l'ismijet ta min icun l'ura fil ħlas.

*Art. 22.* Fl'aħħar ta cull sena, flimchien mal Cumissioni Amministrativa, ghandu jaghmel il contijet u jurihom lir-Reviżuri biex ighadduhomlu. Daŭn ir-Reviżuri jintghażlu cull sena mil Cumitat. Il contijet mghoddija jiġu stampati fil ġurnali.

*Art. 23.* Meta daŭn il contijet jiġu mghoddija, it-Tesorier ghandu icollu il persaldu mil Cumitat, bil firma tal President.

VI.

*Fuk id-Dħul tal Imsieħbin.*

*Art. 24.* Min ghandu inkas minn tmintax il sena u iżjed minn ħamsa u erbghin ma jistax jissieħeb fix-Xirca ghall ghajnuniet taħħa.

*Art. 25.* Cull min jitlob li jinchiteb fix-Xirca biex icollu sehem mil ghainuniet li hi tati, ghandu jati ismu, cunjomu u x'jaghmel u icollu mn'idejn it-tabib li hu b'saħħtu.

*Art. 26.* Ma jistax jinchiteb fix-Xirca min hu ta condotta ħażina u b'hecc miżmum mill'oħrajn, jeŭ min ŭeħel il ħabs ghal xi delitt li biħ tilef gieħu kuddiem in-nies, jeŭ min hu mghoti ghax-xorb, jeŭ min jinsab mictub f'xi xirca misħuta mil Cnisja.

*Art. 27.* Icun imsieħeb fix-Xirca dac li ŭara li jigi imressak minn ŭieħed mill' imsieħbin, igib fil votazioni segrieta tal Cumitat ŭieħed iżjed min-nofs tal voti.

VII.

*Fuk il ghajnuniet.*

*Art. 28.* Is-soci partecipanti jecc jakghu morda jistghu icollhom xelin u nofs cull jum u icollhom ucoll it-tabib u il medicini b'xejn.

*Art. 29.* Il marda, biex ŭieħed jakla il ghajnuuiet, ghandha tcun kaŭŭija u mhux ta żmien tŭil. Il mard ħażin u il mard li jigi 'mħabba ix-xorb, jeŭ il feriti li ŭieħed jakla fi ġlied imkankal minnu, ma jisŭeŭx biex jatuħ il ghajnuniet imsemmijin fl'articlu ta kabel.

*Art, 30.* Min jibka l'ura fil ħlas ta cull gimgha, bħalma jinsab imfisser fl'articlu 5 ta dan l'Istatut, ma jista icollu l'ebda jedd ghas-sussidji imsemmijin fl'articlu 28. Biex ŭieħed jitlef daŭn is-sussidji bħalma huma imsemmijin fl'articlu 28 ta dan l'Istatut, biż-żejjed li ma iħallasx il gimgha tieghu ghal tliet gimghat ŭara xulxin.

*Art. 31.* Daŭn is-sussidji fil mard ma jistghux jintaghtaŭ ictar minn xahrejn. Jecc imbaghad it-tabib tax-Xirca jidhirlu li il marid ghandu bżonn ta daŭn is-sussidji ghal xahrejn oħra, il marid jista icollu iddritt ghalihom.

*Art. 32.* L'ebda imsieħeb fix-Xirca ma jista jitlob daŭn is-sussidji ħlief ŭara erba ti jem li hu icun ilu kieghed imħabba fil mard. It-talba tieghu ghandha tcun mghoddija mit-tabib tax-Xirca.

*Art. 33.* Ebda imsieħeb tax-Xirca ma jista jibda icollu daŭn is-sussidji imsemmijin fl'articlu 28 kabel ma tcun ghaddiet sena mindu issieħeb fix-Xirca.

*Art. 34.* Daŭc l'imsieħbin, li icorru fuk ix-xoghol u li imħabba f'hecc ma jistghux jaħdmu iżjed, jista icollhom, jecc il Cumitat jidhirlu, il ghajnuna mhux iżjed minn lira fix-xahar tul sena. Din il ghajnuna tista tiġgedded ghal żmien ieħor jecc icun hemm bżonn.

*Art. 35.* Il Cumitat, jecc jidhirlu li icun seŭŭa, jista joħroġ lill'imsieħbin fix-Xirca kieghdin bla ħtija taħħom, u li ghandhom familja cbira, xi ħaġa fix-xahar, mhux ta iżjed minn lira, u mhux ghal iżjed ucoll minn tliet xhur. Jecc imbaghad il cas jitlob iżjed, hu f'idejn il Cumitat li iżid is-somma u itaŭŭal dan iż-żmien.

*Art. 36.* Meta xi sieħeb imut, u iħalli urajħ familja cbira u fkira, din jista icollha il ghajnuna, mhux ta iżjed minn sitt liri, chemm il darba l'imsieħeb icun ilu mictub fix-xirca ghall'inkas sentejn. Jecc imbaghad dan l'imsieħeb icun ghażeb, imma iħalli urajħ min jigi minnu fil krib u li chien f'ħajjtu miżmum minnu, dan jista icollu il ghajnuna mhux ta iżjed minn tliet liri.

*Art. 37.* Biex il familja tista tissejjaħ cbira ghal dac li jitlob dan l'Istatut, ma ghandhiex tcun ta nkas minn ħames t'irŭieħ.

*Art. 38.* Ŭara il meut ta cull imsieħeb fix-Xirca, jitkaddsu sitt kuddisiet ghal ruħu. L'imsieħbin, jecc jistghu, ghandhom jidhru fl'accumpanjament.

VIII.

*Fuk il lakghat.*

*Art. 39.* Il lakghat tax-Xirca u tal Cumitat, jecc ma jiġux miġburin bħalma ighid dan l'Istatut, ma ighoddu xejn.

*Art. 40.* Il lakghat tax-Xirca (*generali*) ghandhom icunu avżati mil President erba' ti jem kabel il ġurnata tal lakgha, b'avvis imŭaħħal fiċ-Circlu, jecc il ħaġa ma tcunx tal ghaġla. Il cap ta daŭn is-Seduti hu dejjem il President, jeŭ jecc jonkos hu il Vici-President, jeŭ Ufficjal ieħor jeŭ Membru tal Cumitat maghżul minn daŭc li icunu hemm. L'ebda lakgha ma tghodd jecc ma icunx fiha mill'ankas 25 ruħ. Daŭn il lakghat ghandhom jinġabru mil President cull xahar, biex ŭieħed jara chif in hi miexja ix-Xirca, u jara ucoll x'jista isir biex tigi il kuddiem dejjem iżjed, biex taghmel dac il gid li ghaliħ hi ġiet imŭakkfa.

*Art. 41.* Fil lakgha tax-Xirca (generali) jecc tinkala xi tmerija, il President ghandu jakta il qŭestionijet collha; u min ma jokghodx ghal chelma tieghu, icun minnu sospis dac il ħin, ghal żmien mhux itŭal minn tliet xhur.

*Art. 42.* Il lakghat tal Cumitat ghandhom jitlakkghu ghall'ankas darba fix-xahar.

IX.

*Fuk il pieni.*

*Art. 43.* Cull min jaghmel xi ħaġa contra xi ŭieħed mill'articli ta dan l'Istatut jista icollu daŭn il pieni:

*Art. 44.* Is-sospensioni miċ-Circlu ghal xi żmien, it-tcheċċija mix-Xirca, jecc in-nukkas icun cbir.

*Art. 45.* Cull min jigi sospis ghal actar minn sitt xhur, f'dan iż-żmien ma jistax icollu ghajnuniet fil mard jeŭ fil kaghad, bħalma insibuhom imsemmijin fl' articli 28, 34 u 35. Min icun imcheċċi, imbaghad icun mizmum bħallichiecu katt ma chien fix-Xirca.

*Art. 46.* Cull min jigi cżat li ghamel xi nukkas contra xi ŭieħed mill' articli ta dan l'Istatut, jeŭ xi distorbju fiċ-Circlu, jeŭ li ghajjar il xi ħadd minn sħabu, ghandu il jedd jidher kuddiem il Cumitat, biex jiddefendi-ruħu.

X.

*Disposizionijet generali.*

*Art. 47.* Ma jistax isir loghob tas-sugrar jeŭ ghal somom cbar, biss jista isir xi loghob ghal biex jitkatta iż-żmien, bħalma huma il biljard u il carti, mhux ghal iżjed minn sold.

*Art. 48.* Ma ghandux jinstama dagha, discors faħxi u contra in-nies jeŭ ir-Religjon, u inkas tmerija fuk il pulitca. Ħadd ma jista imexxi carti li icun fihom xi ħaġa contra l'Aŭtorità.

*Art. 49.* Ħadd ma jista joħroġ barra miċ-Circlu cotba, ġurnali u ħŭejjeġ oħra tax-Xirca.

*Art. 50.* Il Cumitat jagħżel it-tobba u li Spiżeriji ghall'imsieħbin fix-Xirca.

*Art. 51.* Il Cumitat jilka bil kalb cotba, flus u ħŭejjeġ oħra li jistghu jisŭeŭ lix-Xirca.

XI.

*Fuk id-Direttur Spiritŭali.*

*Art. 52.* Dan hu id-Direttur djocesan tal Appostolat tat-Talb. Ghandu is-setgha li jagħżel Kassisin oħrajn biex ighinuħ, basta li daŭn jiġu iccontermati mill'Iskof.

*Art. 53.* Hu ghandu jieħu ħsieb li l'imsieħbin collha fix-Xirca jilħku id-dmirijet tar-Religjon u li igibu ruħhom cullimchien ta veri insara cattolici.

*Art. 54.* Ghall ħabta tal Ghid, ghandu jieħu ħsieb li jaghlilhom l'Esercizzi, jeŭ hu jeŭ ħadd ieħor.

*Art. 55.* Ghandu ucoll jieħu ħsieb tal imsieħbin morda, jaghmlilhom il kalb u isabbarhom fid-dŭejjak taħħom u jecc icun hemm bżonn jassistihom ŭakt il meŭt.

*Art. 56.* Hu ghandu iżur spiss iċ-Circlu, biex jindocra li collox isir seŭŭa u scond l'onestà. Ghandu ucoll jaghmel xi Conferenzi u taghlim religjus lill'imsieħbin. Hu ghandu il jedd jidher fis-seduti tal Cumitat u il post tieghu jigi ŭara dac tal President.

Mghoddija mil Cumitat,
fit-12 ta Dicembru, 1911.

A. LANZON,
President.

WALTER AGIUS,
Segretarju.

## Chitbulna:

I.

«Sur Direttur,

«Il Colèra, f'ħajjet Alla, telket ghal-collox. U il Gvern neħħa l'ordnijet li chien tà ghall gid tal Poplu. Ħlisna bi tbeżbiża ċchejcna!

«Imm'issa nixtiek naf ħaġ'oħra, jecc joghġboc. L'imxija tar-ràbja tal clieb ghadha tisħak fukna minghajr ħadd ma jaf xejn?.... Ghax jen, biex nghidlec is-seŭŭa, ili ix-xhur il cbar ma nisma li chien haŭn cas! U fi gżira bħal din, daks ħolka, ma jiġrix fatt hecc icreħ, li ma icunx jaf biħ cull-ħadd! Mela, nghid jena—u naħseb li m'inhiex nghid ħazin!—jecc, niżżu-ħajr ll'Alla, l'imxija tar-ràbja tal clieb inkatghet ucoll, ghax ma jitneħħiex l'ordni tas-sarima, bħalma tneħħeŭ daŭc l'ordnijet l'oħrajn?.... Jecc ghad haŭn xi tingis tar-ràbja, ma ghandna x'nghidu xejn. Is-saħħa tan-nies fuk collox. Imma bla bżonn, dac li icun ghax ghandu tibka kalbu ittaktak li, jecc joħroġlu il chelb bla sarima, il Pulizija tieħodulu jeŭ tħarrcu u icollu jitla il-Korti? Li stess clieb, bla bżonn, ghax ghandhom jibkghu maħkurin?... Is-sarima, fl'aħħar mill'aħħar, moħkrija ghalihom. U chif in huma l'ordnijet tal Gvernatur, inkas marbutin ma jistghu joħorġu fit-triek minghajrha.

«Imbaghd, din is-sarima jeŭ hemm bżonnha jeŭ m'hemmx: u il clieb, tal cbarat jeŭ tal baxxi, kuddiem il Ligi collha xorta ŭaħda. Din ħaġa ċara, ghax jecc haŭn il mard tar-ràbja, jistghu jieħduħ il clieb tal cbarat ucoll. Mela, ghaliex jidhru fi-torok tal Belt clieb tal cbarat mexjin ŭara sjedhom jeŭ mal camrieri taħħom bla sarima u maħlulin? Dan igib it-tghemghim u il ħsiebijet ħżiena! Igib in-nukkas tal kima lejn il Ħakk....ma nafx chif irrid nghid!

«Sur Direttur, haŭn issib ismi, biex inti tcun taf min jen: imma nitolboc m'xxandrux.

«Collni tieghec
..................»

*rati u lil cull nisrani li jinvista xi Cnisja tal Ordni ta Santu Ŭistin.* Ctieb ċchejchen u ta għożża cbira, li ŭieħed jista jirriscattaħ mis-Sagristija ta *Santu Ŭistin*, haŭn il Belt.

—Aħbar tajjba! Il *Cumitat tal Appostulat tat-Talb* chira diġà għaċ-*Circlu tax-Xirca Cattolica* ŭaħda mill'acbar djar li haŭn geŭŭa il-Belt—il *Palazz Caraffa*, cantuniera ta Strada Forni ma Strada Cristoforo, fejn dari chien il Culleġġ tas-Sur Savona; u il ftieħim sar daŭn il ġranet. Dac il Palazz, li, barra mil Bereġ, ma haŭnx il Belt ieħor daksu u b'dac il cobor ta sŭali, icun, mela, bil għajnuna t'Alla, il *Cażin tal Poplu!* U, bħalma għednielcom darb'oħra, mhux għax-*Xirca Cattolica* biss, imma għall *Caxxa tat-tifdil*, għall *Ccejjen bir-roħs għall fkar*, għall li *Schejjel ta bil-lejl*, għall *Cunferenzi tal Ħdud*, għaċ-*Cenematografu unest*, għat-*Teatrani bil Malti* u gid ieħor bħal dan, għar-ruħ u għall gisem. Il *Palazz Caraffa*, billi chien ilu ħafna snin battàl, diġà kiegħed jinżebaħ u jitbajjad.

—Aħbar oħra sabiħa! Actarx smajtu, mita chien haŭn Malta il Cardinal Bourne, ftit ġranet kabel ir-Re, lihu chien tchellem biex is-sena li gejja jeŭ xi sena oħra isir haŭn il *Cungress Eucaristicu.* U, forsi, smajtu ucoll li il gażetti protestanti ta Londra ħaduħa bi cbira dic l'aħbar u ma rieduhiex iseħħ. Mela, għandna ngħidulcom li, jecc Alla irid, il *Cungress Eucaristicu* isir Malta is-sena li gejja, fix-xhur tar-rebbiegħa: il Cbarat tal *Cungress*, bis-sensja tal Papa, diġà katgħuha hecc; u ma iddumux ma tisimgħu li tŭakkaf Cumitat cbir bl'aħjar Maltin, Sacerdoti u Seculari, biex iħejji cull-ma jinħtieġ. Din ħaġa cbira ŭisk għalina, għax il *Cungress Eucaristicu* s'issa dejjem sar fl'acbar bliet tad-dinja: Milanu, Madrid, Londra, Vienna: u icun mhux biss ta onur lill Gżira maħbuba tagħna, mhux biss ta għaxka li ħadd ma jista ifisser bil festi tiegħu, imma ta cummerċ mill'akŭa, għax jiġu għaliħ, bħalma dejjem marru, eluf ta Cbarat minn cull-imchien. Icun haŭn mill'inkas ħames Cardinali u min jaf chemm Iskfijiet! Anzi, min jista' jaf kalilna li, fost il Cardinali, icun haŭn is-Segretarju tal Papa, li jigi bħala *Delegat tiegħu* (jigifieri jidher Għaliħ!) U id-Duca ta Norfolk, u il Milordi Cattolici l'oħra, u bosta Prinċpijet ta cull Nazzjon ma jonksux sgur!—Darb'oħra, infissrulcom aħjar x'in hu il *Cungress Eucaristicu.*

—Nhar is-sibt li għadda, fil ħdax ta filgħodu, il Gvernatur iccunsinja *Medalja* lit-Tobba maltin li chienu marru ideŭŭi il corruti bit-terremot ta Messina: din il *Medalja* bgħathielhom b'tifchira ir-Re tal Italja.

—Il Canonicu Dun Carm Bugelli siefer għall Gorfŭ, fejn chien dàm żmien Cappillan tal Maltin, biex jippriedcalhom l'*Esercizzi 'Mkaddsa.*

—Is sena, il gemgħa tal Carnival għattfal ta *Fra Diegu* u ta *Cini* ma laħketx ħlief £11. 13. 6., mentri giè li kabżet l'*erbgħin lira.* Għaliex? Għax ma chienx hemm tħabric biż-żejjed jeŭ għax in-nies ma taŭx?...

—Jingħad li tletin bidŭi, bin-nisa u ittfal taħħom (b'collox, ilaħħku il 180 ruħ), sejjrin jitilku għal *San Paŭl,* fil *Brażil,* flimchien mal Perit Borġ Falzun, imsiefrin għal hemm mis-Sur Vadalà u irriccmandati f'dejn is-Sur Levy, li ilu f'daŭc l'inħaŭi, biex, jecc huma icollhom ix-xogħol u isibu ruħħom tajjeb, jerġgħu jinbagħtu oħrajn.

—Il *Holkien* tas-Sur Ġann Vassall u *Tunes* tal Procuratur Legali G. Zammit jissoctaŭ fil ħarġa li gejja.

—Niżżu-ħajr lin-Nutar Carlu Micallef De Caro, ŭieħed mil chittieba tal *Habib* u mil egħżeż ħbieb tagħna, li għoġbu jibgħatilna il ctieb ġdid: *Cora u stejjer oħra mictuba minn C. M. D.*—jigifieri minnu. Il ctieb, għad li ma fihx għajr 82 faċċata, igħakkad flimchien tmin stejjer, il ŭaħda actar ħelŭa mil oħra. Ma dan collu, il karrejja tal *Habib* jafu chif jicteb bil Malti in-Nutar Micallef De Caro. Nifirħulu: u ŭisk actar nifirħu lil min iħobb jakra bil 'lsien tagħna, għax, illum, b'daŭn ir-rumanzi velenusi li haŭn jiġru mas-sakajn, kari bħal dan igib miegħu il barca. Il ctieb maħdum sabiħ u tajjeb, chif jixrak lill li *Stamperija tal Malta.*

---

[*Dun Paŭl*] [*Proprietà letteraria*]

# Omm tasseu u Omm taparsi

*(Mit Talian ta F. Martinengo P. d. M.)*

Ix-xiħa chellha tisma' minnhom, rathom hecc ma idaŭŭarhom ħadd u mbellħin biex itemmu il ħsieb li giehom f'rashom. Garret mela il ħatab; għamluh borġ f'nofs il bitħa, firxu fuku il cotba, u kabdu ichebbsuh. U billi il gild tal cotba b'xejn ma sata' jeħu in-nhar u mela' cullimchien bl'intiena u id-daħna, kâl mit-tieba żejda tiegħu actar minn ŭieħed:—Tara x'intiena! hemm tasseŭ ix-xitan geŭŭa fihom daŭc il cotba!

—Dac il velenu li mimlijin bih, li ke'd jnittinna hecc;—kâl ieħor.

—U morru, x'velenu ta rascom? dic il gilda li micsijin biha; ma taraŭx?—żied kâl ieħor, jidħak bil bluha tagħhom: imma ftit taŭ ŭiden għal cliemu.

F'da'l ŭakt ma ŭakfux jatu in-nhar, sachemm, chebbes minn haŭn u chebbes minn hemm, onfoħ u gib mîn jonfoħ, saflaħħar il ħatab kabad, u ħuggieġa nhar, li chienet tgħaxxkec tlebleb mgħar-riħ, għattiet il ħatab u'l cotba, li ma chienux jidhru actar. Dac in-nhar kajjem fihom ilcoll ferħ li ma ngħidx, u kabdu igħajtu chemm chellhom ħila:—Viva il ħuggieġa! Viva, viva!

—Jakbel ŭieħed jishon ftît, daks chemm hi chesħa!—kâl ŭieħed ŭakt li resâk lejn in nhar b'idejh mitfugħa għal fuku; imma ŭieħed ieħor fil ħîn raġa' l'ura u kâl:—B'da' n-nhar misħût jien, ma iddehebnix, u nisħon!

—Aħjar b'da' n-nhar milli b'dac tal infern—tenna l'eŭŭel ŭieħed.

—Seŭŭa għidt: ejjeŭ nisħnu (ŭieġbu oħrain); viva il ħuggieġa! viva is sur Cappillan!—Viva, viva!—tenneŭ ilcoll, għajta ŭaħda; u kabdu iduru mgħal ħuggieġa jakbżu u jogħleŭ. Il Cappillan inkata' jisma dac l'għageb collu, u mâr b'girja jixref minn tieka ċchejcna, li chienet seŭseŭ tati għal ġol bitħa, u chif ra' id-daħna u' n-nhar u l'għors tan-nies magħ dŭar il ħuggieġa baka' bħal mbellaħ, imma malajr giè fiha x'chien ta dac l'għageb collu:—Mbierchin ta nies!—kâl bejnu u bejn ruħu iċaklak rasu; mbagħad kaŭŭa leħnu u għajjat:—Hu! uliedi, hemm x'inthom tagħmlu? Tridu tkabbduli id-dar?—Chif semgħu dac il leħen ŭakfu, ħemdu, u refgħu ŭiċċhom il fûk.... Sur Cappillan ...gejna ..Ara xi ġmiel ta ħuggieġa!.... Nara kiegħed, nara iżżejjed!.... Isaŭ, spiċċaŭ minn da' l'għajjat; ejjeŭ fûk ... U chif semgħuh igħid hecc taru ilcoll minn magħ dŭar il ħuggieġa għattarag biex jitilgħu ħdejh.

—U da' x'tacom? (kâl il Cappillan lil daŭc li daħlu ħdejh l'eŭŭel) tiġu tagħmlu dan l'għageb collu ġo dari?

—Chif? ma tâfx, sur Cappillan? tajna innhar lil cotba tal protestant.

—Int ma għedtilniex li daŭc cotba misħûta, ipprojbiti mil Cnisja?

—Iva; għedtilcom dan, imma żidtilcom ħaġ'oħra. X'chien hemm bżonn taħarkuhom? Chien icun biżżejjed li tajtuhom lili....

—Imma, sur Cappillan, aħna ħsibna li sejrin nagħmlu ħaġa kaddisa.

—Jien ma għidtx li għamiltu dnûb mejjet. Ucoll fl'eŭŭel żmienijiet tal Cnisja daŭc li chienu isiru nsara chienu jeħdu f'riġlejn l'Appostli il cotba ħżiena; u fil belt ta Efesu, chif igħidulna l'*Atti Apostolici,* darba ŭaħda, f'nofs il piazza, ħarku actar minn b'erbatax il elf ukija cotba ħżiena.

—Dac li għamilna aħna ucoll.

—Biss hemm dan, li l'eŭlenin insara ma chienux jagħmluh minn rajjhom, u intom... Eh, Bertu, Bertu! Int, li xeŭŭixthomli! ...

—Dan chif tafu, sur Cappillan? Smajtna collox mit-tieka, eh?

—Le, ma smajt xejn: imma... nafec lilec.... u.... biżżejjed; issa, x'inthom tagħmlu hemm bilŭiekfa? okogħdu, strieħu ftît. U intom għax bkajtu hemm fûk il bieb? idħlu intom ucoll—U ŭara li kegħedhom bilkegħda, mil aħjar li sata', u kagħad hu ucoll fûk siġġu tal brazzi, kabad igħidilhom hecc: Milbkija dan hua ta faraġ lil kalbi, uliedi....

(4) (*Jissocta*)

---

**Għall fejn jisûa il Krar.**

Is-Sindcu ta Carcassona ircieva, daŭn il ġranet, minn għand Kassis li kiegħed Parigi *cheque* ta tliet elef franc (120 lira ingliżi), b'din l'ittra:—«Daŭn il flus jibgħathomloc ŭieħed fil Krar u imissu lill li Sptar tal belt tiegħec. Xejn izjed ma nista' ngħidlec».

U, imbgħad, il Protestanti igħidu li il Krar ma jisŭa għal xejn!

C. M. D.

---

**Salvu Testa** miet il Ħamrun, fit-22 ta dan ix-xahar, ŭara li giè ivvjaticat darbtejn u chellu il faraġ l'ieħor collu tal Cnisja Imkaddsa. Itolbu lill Kalb Ħanina ta Gesù li ruħu icollha il mistrieħ ta-dejjem.

E. A.

---

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### XARADA

L'eŭŭel katt, katt m'hu tat-tieni;
u tat-tieni m'hux le l'ieħor.
Tistagħgibx, ma ngħidx cliem-b'-ieħor:
bl'aħħar taira sar il ħai!
collu 'l caccia imur bla porvli,
bla xcubetta u mhux bla rai!

R. M. B.

Ix-Xarada tal aħħar ħarġa chienet:
*Eva n-g-e-liu*—Evangeliu.

Fissruha tajjeb daŭn l'*Imsieħbin*: mil Belt, il Prof. N. Tagliaferro, l'Avucat Enricu Frendu Montanaru u is-Sinjuri Paulinu Zammit, Saver Sammut u G. Sciberras—mill'Isla, is-Sur Carmelu Darmanin—minn Bormla, is-Sur Assŭeru Grima—is-Sur Mast A. M. Kissaur, impiegat l'Inghieret—mil Mosta, is-Sur A. Mercieca—u minn Għaŭdex (il-Kâla), is-Sur G. Gamilleri.

Fost ħafna tifsir ħażin, geŭna tnejn oħra tajjba, ŭaħda minn Bormla u oħra minn ħaż-Żabbar: iżda la daŭc li bagħtuhom m'humiex imsieħbin, ma nistgħux ingibuhom. Jecc iridu jiġru mal oħrajn għall premju, jafu chif għandhom jagħmlu: l'*Amministratur* tagħna jokgħod il-Belt, Strada Cristoforu, numru 174; u is-Sur *G. Muscat* ta taħt il *Monti* (Strada Mercanti, numru 48) jilkaħhom ucoll.